Supplìment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,627, 12 ta' Ġunju, 1998
Taqsima B

A.L. 148 ta' l-1998

ORDINANZA DWAR ID-DRITTIJIET (KAP. 35)

Regolamenti ta' l-1998 li jemendaw ir-Regolamenti dwar id-Drittijiet (Ġarr ta' Kadavri)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar id-Drittijiet, il-Ministru tas-Saħħa, Kura ta' l-Anzjani u Affarijiet tal-Familja, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi u Kummerċ, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1998 dwar id-Drittijiet (Ġarr ta' Kadavri), u għandhom jinqraw u jiftehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1975 dwar id-Drittijiet (Ġarr ta' Kadavri), hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". A.L. 118 ta' l-1975

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fl-1 ta' Jannar, 1998.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "dritt ta' ħames liri:" għandhom jidħlu l-kliem "dritt ta' ħamsa u għoxrin lira:".